MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Numru 308/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J.Fenech)**

**Versus**

**Alfred Scicluna**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alfred Scicluna bin Maurice u Maria nee Bartolo, imwieled Attard u joqgħod 43 Catalonia Flat 1 Triq Brolli Birżebbuġa, u / jew 37 David House Triq Nuzzju Hamrun ID 446170 (M)

(a) Akkużat talli fit-22 ta' Novembru 2003 għall-ħabta tal-11.20am, ġewwa Triq Alessandru Birżebbuġa, bil-ħsieb li jagħmel ferita (offiża) ta' natura gravi fuq PC 550 George Zammit wera dan il-ħsieb b'atti esterjuri li taw bidu għall-

esekuzzjoni ta’ dan id-delitt meta saq fid-direzzjoni tal-istess PC 550 b’karozza tal-kiri tal-għamla Daihatsu bin-numru FBK 107 liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali jew indipendenti mill-volonta’ tiegħu;

(b) Ukoll talli f’Birżebbuġa fl-istess data, ħin, u ċirksotanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi lilu minn PS 853 Frankie Sciberras u minn PC 550 George Zammit, persuni nkarigat skond il-Liġi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta’ dmirijiethom;

(ċ) Ukoll talli f’Birżebbuġa fl-istess data, ħin u ċirksotanzi insulenta u hedded bi kliem lill-PC 550 George Zmmit, persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kien jagħmel dan is-servizz bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz;

(d) Ukoll talli f’Birżebbuġa u f’postijiet oħra, fl-istess data u dati oħrajn, saq l-istess vettura meta ma keelux liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija u b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskju ta’ terzi persuni;

(e) Ukoll talli fl-istess data u ħinijiet differenti saq l-istess vettura f’Birżebbuġa b’ġiri aktar milli jmiss u b’manjiera traskurata u perikoluża;

(f) Ukoll talli f’Birżenbbuġa fl-istess data, ħin u ċirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b’għajjat, storbju, ġlied jew b’xi mod ieħor u anke tali qal kliem oxxen li jikkonsisti f’dagħa fil-pubbliku;
2. Fil-każ ta’ ħtija l-Qorti ntalbet li tissospendi jew tirrevoka l-liċenzja tas-sewqan tal-imputat Alfred Scicluna għall-perjodu li jidhrilha xieraq.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 4462 tal-1970, il-fedina penali tal-imputat, u il-current incident report a fol.43 et.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat

5. Mix-xhieda tal-Ispettur Johann Fenech jirriżulta li kien infurmat minn PS 853 Frankie Sciberras li ien innota karozza tal-kiri Daihatsu bajda bin-numru FBK-107 ipparkjata fuq it-tow zone area kontra l-one way f'Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk. Huwa mar ikellem lill-imputat li qallu li kien qed jistenna biss. Meta talbu jippreżenta xi dokumenti dan qallu li ma kellux dokuemnti. L-imputat kien ordnat biex ineħħi l-karozza minn hemm u jmur l-għassa. Għall-11.15 am l-imputat għadda minn quddiem l-għassa iżda ma waqafx. Għalhekk saret il-ġirja wara l-imputat li bed jsuq b'manjiera eċċessiva. Huwa saq għal fuq PS 550 u scapula milli jiġi mtajjar biss billi daħal fil-kaorzza tas-servizz. Ic-chase tkompliet fi Triq il-KArtaġiniżi u meta PC 550 fetaħ il-bieb tan-naħa tax-xufier tiegħu, l-imputat beda jkellmu baxx.

6. PS 550 George Zammit xehed li hu u PS 853 kienu telqu jiġru wara karozza bajda misjuqa mill-imputat. Ġrew ġirja sew warajh għaliex ma riedx jieqaf. Fl-aħħar is-surġent sakkru fi Triq il-Kartaġiniżi u għalquh. Ix-xhud niżel mill-karozza biex jipprova joħroġ lill-imputat mill-karozza. F'daqqa waħda l-imputat ħareġ, irrevvja u saq għal fuq ix-xhud. Ix-xhud kellu jitlaq jiġri, daħal ġol-karozza tal-Pulizija u skappa. Reġgħu ġrew ġirja warajh u waqqfuh fi Triq San Filippu. Reġgħu sakkruh u reġa' niżel ix-xhud. Wara naqra paroli ħareġ. L-imputat rreżja l-karozza u saq għal fuqu. Kienu tawh ordni biex jinżel mill-karozza u l-ewwel darba ma niżilx. Fit-tieni darba niżel. Is-sewqan tiegħu kien perikoluż ħafna 'qisu tal-films'. Li kieku x-xhud ma kienx iċċaqlaq minn postu, kieku ma jafx x'kien jiġri meta l-imputat saq għal fuqu.

7. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-imputat kien saq fuqu bil-quddiem tal-akrozza. (fol.23). Il-karozza ma kenitx qed timblokka t-triq kollha. Eżatt kif ix-xhud ħareġ għall-imputat, l-imputat saq għalih.

**L-istqarrija tal-imputat**

8. Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat qal li ma kellux liċenzja fuqu. Hu kellu jmur l-għassa iżda kien għadda jixtri xi sigaretti. Qal ukoll li l-Pulizija kien qallu biex jitfa' l-karozza mal-ħajt u li l-Pulizija kellmu pastaż u għalhekk kien telaq. Huwa nnega li kien saq għal fuq il-Pulizija u kien ra lill-Pulizija jinża' l-ingravata. L-imputat qal ukoll li kulma kien qal kien biss 'Inżel minn ġol-karozza' għax ma kienx ħass li l-Pulizija aġixxew miegħu sew.

9. Xehed Christopher Scicluna tal-ADT li qal li l-unika kaorzza reġistrata f'isem l-imputat hija l-vettura li għandha n-numru ta-reġistrazzjoni EAJ 012 – Ford Transit ta' kulur abjad. Il-liċenzja għalqet fl-aħħar ta' Mejju 1998 u qatt ma kienet rinnovata.

10. Xehed ukoll PS 853 Frankie Sciberras li qal li karozza Daihatsu FBK 107 kienet pparkjata quddiem spiżerija kontra l-one-way fit-tow zone area. Huwa kellem lill-imputat li qal li kien qed jsitenna lil xi ħadd. Huwa qallu li ma setax jipparkja u kienu diġa' tellgħuh snin qabel għax l-imputat ma kellux liċenzja tas-sewqan. L-imputat intalab jippreżenta d-dokumenti l-għassa għax ma kellu xejn fuqu. L-imputat ma kienx waqaf l-għassa u ħarab minn fuq il-post. Meta kien ser jinżel il-Pulizija 550, l-imputat beda jirrejżja u beda jgħajjat 'Inżel ħa nifqgħek.' Huwa beda jiġi mal-bieba tal-karozza tas-sewrvizz u reġa' ħarab mingħajr ma ħares l-istop signs. Irnexxielhom iwaqqfuh f'Saint Patrick Street. Il-karozza tal-kiri kienet mikrija fuqha. Meta kienu sakkruh fit-triq, kif niżel il-550, l-imputat għaqqadhom għal ġo fih. Kien ser jolqot il-bieba għax beda jirresja u lill-550 beda jgħidlu biex jinżel mill-karozza. L-imputat beda jirriversja, jagħtiha first u kull darba, jerġa' jagħtiha first għal fuq il-bieba.

11. Xehed ukoll Brian Farrugia. Legal Officer ADT, li qalli l-imputat m'għandux liċenzja tas-sewqan.

**Difiża**

12. Xehed l-imputat qal li waqt li l-Pulizija kienu qed jiġru warajh, il-Pulizija neża' l-ingravata biex jiġġilidlu u qallu biex jieqaf. L-imputat qal ukoll li dan il-punt kien tniżżel fl-istqarrija iżda ma ntqal xejn dwaru minn fuq il-pedan tax-xhieda. Huwa kien irvella għalhekk iżda ma saqx għal fuq il-Pulizija. Huwa kien qal lill-Pulizija biex jinżel ħa jiġġieldu. L-imputat ammetta li ma kellux liċenzja u lanqas insurance. Huwa qal ukoll li dawn l-imputazzjonijiet kien qed jammettihom. Huwa ssottometta wkoll li meta qabduh il-multa kienet Lm250 (€582.34 ).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

13. L-imputat innega li pprova jsuq fuq il-Pulizija. Bir-rispett kollu l-Qorti ma ssibx il-verżjoni tal-imputat bħala waħda attendibbli. Ix-xhieda li ta PS 550 George Zammit hija dettaljata, għandha mill-verita' u hija sorretta bix-xhieda ta' PS 853 Frankie Sciberras. L-imputat jgħid li kien irvella għaliex ra lil wieħed mill-Pulizija jinża' l-ingravata biex jiġġilidlu u l-imputat kien qajjem dan il-punt 'a tempo vergine' fl-istqarrija tiegħu. Ukoll jekk il-Qorti temmen dak li qal l-imputat dwar l-inċident tal-ingavata, huwa bl-ebda mod ma seta' jirreaġixxi billi jqiegħed il-ħajja ta' ħadd ieħor fil-perikolu u żgur li l-Liġi ma tipprovdi ebda ġustifikazzjoni jew skużanti għall-aġir tal-imputat. Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati ta' tentattiv ta' offiża gravi fuq il-persuan ta' PC 550 George Zammit u dan ai termini tal-artikolu 41(1)(a) u 216(1)(a) tal-Kap 9.

14. L-imputat naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija sabiex jieqaf milli jkompli jsuq u dan huwa ppruvat mix-xhieda taż-żewġ uffiċjali li kienu nvoluti fiċ-chase. Għalhekk qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9.

15. Dwar it-tielet imputazzjoni jirriżulta wkoll li l-imputat hedded lill-uffijal tal-Pulizija iżda fil-fehma tal-Qorti l-aġir tal-imputat jaqa' aktar taħt is-subinċiż (2) tal-artikolu 95 milli taħt l-ewwel subinċiż u għalhekk issbu ħati ta' din l-imputazzjoni iżda fil-livell ta' kontravenzjoni.

16. Ir-raba' imputazzjoni tirriżulta ampjament għaliex l-imputat la kellu liċenzja biex isuq il-karozza u lanqas ma kellu assigurazzjoni. Għalhekk din l-imputazzjoni hija ppruvata wkoll. (Kap 65 15(1)(a) 15(2) u Kap 104 3(1)(2)(a).

17. Mix-xhieda mogħtija wkoll jirriżulta li l-imputat saq bla ma ta kont tas-sinjali tat-traffiku, b'mod eċċessiv u b'mod perikoluż ukoll. Għalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat il-ħames imputazzjoni.

18. L-imputat mhux biss hedded iżda qal ukoll kliem oxxen u għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ippruvat din l-imputazzjoni wkoll (338(dd)) b'dan pero' li din hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

## Konklużjoni

19. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 31 (xi)(xiii), 41(1)(a), 216(1)(a), 338(ee), 95(2), 338(dd) tal-Kap 9 kif ukoll l-artikoli 15(1)(a), 15(2) tal-Kap 65 u l-artikolu 3(1)(2)[1](a) tal-Kap 104 issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni imputazzjoni, tat-tielet imputazzjoni biss din fil-livell ta' kontravenzjoni, u tar-raba', tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni b'din ta' l-aħħar assorbita fl-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti qieset li l-imputat mhux l-ewwel darba li ma obdiex l-ordnijie tal-Pulziija jew insulenthom jew offendihom u din id-darba seta' ġab konsegwenzi sew b'għemilu. Għalhekk qed tikkundannah għal disa' xhur priġunerija sospiżi għal tliet snin u għall-ħlas ta' multa ta' €700 liema multa tista' titħallas b'rata ta' €100 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ mhux aktar tard minn erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx il-bilanċ għandu jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din ghandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

[1] Bil-multa kif kienet meta seħħ ir-reat , jiġifieri fit-22 ta' Novembru 2003 u għalhekk qabel ma daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 95 tas-sena 2004 li bidel il-multa b'effett mill-1 ta' Marzu 2004.

20. Il-Qorti wissiet lill-imputat li jekk iwettaq xi reat matul dawn it-tliet snin, huwa għandu kundanna ta' priġunerija li tkun tista' tinġieb fis-seħħ.

21. Fl-aħħarnett, il-Qorti qed tissuspendi lill-imputat milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal sitt xhur żmien, liema żmien jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------